MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tal-25 ta' April, 2012

Talba Numru. 950/2011

**Sterling Car Rentals Ltd**

**Vs**

**Emanuel Balzan**

**It-Tribunal**,

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fis-7 ta' Novembru 2011 fejn is-socjeta attrici talbet illi l-konvenut ghandu jigi kkunddannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf hames mija u sitta u tletin Ewro u sitta u erbghin centezmu (€1,536.46) rapprezentanti l-ammont kumplessiv dovut mill-konvenutin konnessjoni mal-kirja ta' vettura ghall-perjodu bejn l-4 ta' Awissu 2010 u l-14 ta' Ottubru 2010.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, inkluzi tal-ittri bonarja datata 24 ta' Jannar 2011 u tad-19 ta' Lulju 2011 bl-imghax legali mid-data tal-fattura sad-data tal-pagament effettiv.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili)

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti tal-20 ta' April 2012 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta fl-20 ta' April 2012 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabeix jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvat, it-Tribunal jilqa t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf hames mija u sitta u tletin Ewro u sitta u erbghin centezmu (€1,536.46) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez ikunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------